A.L. 7 ta' l-1997

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1997 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Ħarsien Soċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tax-Xogħol, għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1997 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali. Titolu.

2. L-Inqas Paga Nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej: L-Inqas Paga Nazzjonali.

18-il sena u fuqhom ..... Lm43.88ċ fil-ġimgħa
17-il sena ..... Lm40.97ċ fil-ġimgħa
Taħt is-17 il-sena ..... Lm39.75ċ fil-ġimgħa:

Iżda b'seħħ mill-1 ta' April, 1997, l-Inqas Paga Nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

18-il sena u fuqhom ..... Lm44.13ċ fil-ġimgħa
17-il sena ..... Lm41.22ċ fil-ġimgħa
Taħt is-17 il-sena ..... Lm40.00ċ fil-ġimgħa.

3. L-Inqas Paga Nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tithallas *pro rata* b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun tapplika, kif stabbilita skond l-artiklu 2 ta' dan l-ordni u diviża b'erbgħin: Impjegati *part-time*.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1997 dwar Żieda fil-Paga għal Impjegati *Part-time*, m'għandhiex tkun tapplika għall-Inqas Paga Nazzjonali kif stabbilita b'dan l-Ordni. A.L. 6 ta' l-1997.